



12.7.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

(0006/2010)

Suġġett: Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-iskart (Verżjoni kkodifikata)
(COM(2009)535 – C7-0239/2009 – 2009/0151(COD))

Skont il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċelerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi legiżlattivi¹, grupp ta' ħidma konsultattiv magħmul mis-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għandu jqis kull proposta għal kodifikazzjoni preżentata mill-Kummissjoni.

Annessa, il-Membri jistgħu jsibu l-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv dwar il-proposta msemmija fis-suġġett.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għandu jagħti l-fehma tiegħu dwar din l-opinjoni fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Settembru 2010.

Anness

¹ ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.



GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV
TAS-SERVIZZI LEGALI

Brussell, 21 ta' Ġunju 2010

OPINJONI

GĦALL-ATTENZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW TAL-KUNSILL TAL-KUMMISSJONI

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-iskart

COM(2009)535 tal-14.10.2009 – 2009/0151(COD)

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat għal kodifikazzjoni uffiċjali ta' testi leġislattivi, u b' mod partikulari il-punt 4, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, li jikkonsisti fis-servizzi legali rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, iltaqa' fit-22 ta' Ottubru 2009 għall-iskop li janalizza, fost oħrajn, il-proposta msemmija qabel li tressqet mill-Kummissjoni.

Waqt dik il-laqgħa¹, eżami tal-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkodifika r-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika tal-iskart wasslet biex il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv ikkonkluda, mingħajr xi nuqqas ta' qbil serju, li l-proposta hija kodifikazzjoni sempliċi ta' testi eżistenti, mingħajr tibdil fis-sustanza tagħha.

Barra minn hekk, il-Grupp ta' Ħidma rrikonoxxa wkoll li r-Regolament (KE) Nru 2150/2002 fih dispożizzjonijiet b'referenza għall-proċedura regolatorja bi skrutinju li għandhom bżonn jiġu aġġustati għall-Artikolu 290 tat-Trattat ta' Lisbona. Peress li l-aġġustament ta' dispożizzjonijiet eżistenti ta' dan it-tip jimplika bidla sostanzjali, u għalhekk imur lil hinn minn kodifikazzjoni sempliċi, il-Grupp ta' Ħidma jqis li huwa neċessarju li l-Punt 8² tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 – Metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali ta' testi leġislattivi – jiġi applikat, fid-dawl tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar dak il-punt³.

¹ Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv kellu għad-dispożizzjoni tiegħu 22 verżjoni lingwistika tal-proposta u ħadem fuq il-bażi tal-verżjoni Ingliża, il-verżjoni oriġinali tat-test diskuss.

² "Jekk waqt il-proċess leġislattiv jirriżulta li hemm bżonn li jmorru lilhinn mill-kodifikazzjoni sempliċi u jagħmlu tibdiliet sostantivi, hi r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tissottometti l-proposta(i), fejn hemm bżonn".

³ "Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu nota tal-fatt li jekk jirriżulta li hemm bżonn li jmorru lil hinn mill-kodifikazzjoni sempliċi u jagħmlu tibdiliet sostantivi, il-Kummissjoni tkun tista' tagħżel,

C. PENNERA
Ġurikonsult

J.-C. PIRIS
Ġurikonsult

L. ROMERO REQUENA
Direttur Ġenerali

każ b'każ, jekk tiriirformulax il-proposta tagħha jew jekk tippreżentax proposta separata għal emenda, filwaqt li tħalli l-proposta għal kodifikazzjoni pendenti, u sussegwentement, wara li l-emenda sostantiva tkun ġiet adottata, tinkorporaha fil-proposta għal kodifikazzjoni".